# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 993/2021 JVC**

**L-Avv. Jimmy John M. Vella bħala mandatarju speċjali, limitatament għal-iskop ta' dawn il-proċeduri, ta' Justin Eric Felix Redpath-Dascola [K.I. Nru. 0468520(L)], registrat mad-Direttur intimat bl-isem ta' Justin Eric Millen**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Jimmy John M. Vella bhala mandatarju specjali ta′ Justin Eric Felix Redpath-Dascola u registrat mad-Direttur intimat bl-isem ta′ Justin Eric Millen kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrent twieled nhar l-erbatax [14] ta' Lulju tas-sena 1979 f'Washtenaw, Michigan, L-Amerika b'ismu dakinhar ġie rreġistrat bħala Justin Eric Millen stante li dak iż-żmien ommu Mary Kathryn Millen nee' Redpath kienet miżżewġa lill missieru Richard Lee Millen.

2. Illi meta r-rikorrent kien għadu minuri ta' sentejn, il-ġenituri tiegħu ottjenew divorzju. Omm ir-rikorrent iżżewġet għat-tieni darba meta r-rikorrent kellu biss tmien [8] snin. It-tieni raġel ta' omm ir-rikorrent jismu Phillip Ernest Dascola u dan huwa r-raġel li r-rikorrent jaf bħala missieru.

3. Illi r-rikorrent dejjem żamm u għamel użu minn żewġ kunjomijiet u ċioe′ dak ta′ ommu xebba ["Redpath"] u dak tar-raġel tagħha li huwa jaf bħala missieru ["Dascola"]. Huwa ilu juża dawn iż-żewġ kunjomijiet flimkien u mingħajr ebda problemi bħala "Redpath-Dascola".

4. Illi fil-fatt, nhar it-tieni [2] ta' Settembru, 1999, fl-Istat ta' Michigan ir-rikorrent ottjena wkoll il-permess li jibdel ismu uffiċjalment għal **Justin Eric Felix Redpath-Dascola**, kif jirriżulta mid-dokument anness bħala **Dok. A**. B'riżultat ta' dan, iċ-ċertifkat tat-twelid tiegħu maħrug mill-Istat ta' Michigan ġie emendat sabiex jirrifletti dan il-fatt, kif jirriżulta mid-dokument anness bħala **Dok. B**.

5. Illi minn dakinhar il-quddiem, id-dokumenti kollha, inkluż dawk uffiċjali, tar-rikorrent bdew jirriflettu dan l-istat ta' fatt relattiv għal-bdil b'mod uffiċjali ta' ismu u dan, kif jirriżulta mis-sensiela ta' dokumenti annessi ma dan ir-rikors f'faxxikoli li jirreferu għal diversi snin mis-sena 2000 sas-sena 2020, u kif jiġi ampjament evidenzjat fil-mori tal-kawża. Il-faxxikoli annessi ma' dan ir-rikors huma separati kif isegwi:

**Faxxikolu. Ċ**: Dokumenti tas-sena 2000:

i. Dokumenti rigward kontijiet bankarji varji;
ii. Dokumenti rigward ħlas ta' paga;
iii. Dikjarazzjonijiet ta' dħul;
iv. Dokumenti rigward investimenti;
v. Dikjarazzjonijiet tat-taxxa;
vi. Traskrizzjoni ta' riżultati ta' eżamijiet meħudha l-Universita' ta' Malta.

**Faxxikolu. D**: Dokumenti tas-sena 2001:

i. Dokumenti rigward kontijiet bankarji varji inkluż tal HSBC Bank Malta p.l.c.;
ii. Ittra tat-tabib William C. Sanchez M.D. rigward riżultat mediku;
iii. Dokumenti ta' polza ta' assigurazzjoni personali.

**Faxxikolu. E**: Dokumenti tas-sena 2002:

i. Dokumenti rigward kont bankarju;
ii. Dokumenti ta' polza ta' assigurazzjoni personali.

**Faxxikolu. F**: Dokumenti tas-sena 2003:

i. Ittra tat-tabib William C. Sanchez M.D. rigward riżultat mediku;
ii. Ċertifikat mediku;

iii. Dokumenti relattivi għal pjan ta' irtirar;
iv. Dokumenti rigward investimenti.

**Faxxikolu. Ġ**: Dokumenti tas-sena 2004:
i. Dokumenti rigward kont bankarju;
ii. Riċevuti ta' ħlas ta' kontijiet mediċi;
iii. Ittra minn The George Washington University, ta' Washington D.C.;
iv. Dokumenti rigward polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa;
v. Dokumenti relattivi għal pjan ta' irtirar;
vi. Ittra mill-Universita' ta' Maryland;
vii. Riċevuta ta' ħlas lill ċentru mediku tal-veterinerija.

**Faxxikolu. Ħ**: Dokumenti tas-sena 2005:
i. Ittra minn kumpanija ta' assigurazzjoni;
ii. Ittra minn The George Washington University, ta' Washington D.C.;

**Faxxikolu. I**: Dokumenti tas-sena 2006:
i. Dokumenti rigward kont bankarju;
ii. Ittra minn kumpanija ta' assigurazzjoni tas-saħħa.

**Faxxikolu. J**: Dokumenti tas-sena 2007:
i. Dokumenti rigward kont bankarju;
ii. Dokumenti rigward assigurazzjoni tas-saħħa u l-ħajja;
iii. Kuntratt ta' kera;
iv. Dokumenti relattivi għal pjan ta' irtirar;
v. Kuntratt ta' impjieg bħala għalliem;
vi. Liċenzja ta' għalliem;
vii. Traskrizzjoni ta' riżultati ta' eżamijiet;
viii. Kont ta' spejjeż universitarji.

**Faxxikolu. K**: Dokumenti tas-sena 2008:

i. Polza ta' assigurazzjoni fuq proprjeta;
ii. Dokumenti relattivi għal loans;
iii. Kopja ta' ħlas b'ċekk;
iv. Riċevuta ta' ħlas kontra loan;
v. Dokumenti relattivi għal pjan ta' irtirar;
vi. Dokumenti relattivi ghal bonds u stocks;
vii. Ittri minn The George Washington University, ta' Washington D.C.;
viii. Dokumenti relattivi għal student loans;
ix. Traskrizzjoni ta' riżultati ta' eżamijiet.

**Faxxikolu. L**: Dokumenti tas-sena 2009:

i. Polza ta' assigurazzjoni fuq vettura;
ii. Dokumenti relattivi għal car loan;
iii. Dokument relattiv għal pjan ta' irtirar;
iv. Dokumenti relattivi għal student loans.

**Faxxikolu. M**: Dokumenti tas-sena 2010:

i. Liċenzja ta' għalliem għas-snin 2010 - 2015.

**Faxxikolu. N**: Dokumenti tas-sena 2015:

i. Liċenzja ta' għalliem għas-snin 2015 - 2020.

**Faxxikolu. O**: Dokumenti tas-sena 2016:

i. Reġistrazzjoni bħala votant u għal votazzjoni.

**Faxxikolu. P**: Dokumenti tas-sena 2020:

i. Liċenzja ta' għalliem għas-snin 2020 - 2030.

6. Illi kif jirriżulta mid-dokumenti annessi bħala (vi) fil-Faxxikolu Ċ u (i) fil-Faxxikolu D, anke f'Malta r-rikorrent kien diġa qiegħed jutilizza l-isem uffiċjali tiegħu bil-kunjom Redpath-Dascola b'mod uffiċjali sa minn tal-inqas is-sena 2000 meta nħarġet it-traskrizzjoni uffiċjali tar-riżultati ta' diversi eżamijiet għal-liema huwa kien poġġa fl-Universita' ta' Malta minn fejn ottjena wkoll iċ-ċertifikat ta' gradwazzjoni ivi anness bħala **Dok. Q**.

7. Illi oltre dan dikjarat fil-paragrafi ħamsa [5] u sitta [6] supra, il-passaport Amerikan tar-rikorrent ilu juri l-isem **Justin Eric Felix Redpath-Dascola** sa mis-sena 2000, ossia s-sena ta' wara dik li fiha, permezz tal-Qorti f'Michigan, l-Amerika, ir-rikorrent ottjena l-bdil ta' ismu, u dan kif jirriżulta mil-kopji awtentikati tal-passaporti tiegħu għat-termini 2000 - 2010 u 2010 - 2020 u 2020 - 2030 [kopji awtentikati ta' liema huma annessi bħala **Dok. R, Dok. S** u **Dok. T**].

8. Illi kien biss meta r-rikorrent ġie bżonn passaport Malti li huwa sar jaf li kien hemm kwistjoni stante illi r-rikorrent naturalment kellu l-aspettattiva li fuq dan il-passaport ismu u kunjomu kienu ser ikunu dawk uffiċjalment tiegħu, ossia, **Justin Eric Felix Redpath-Dascola** iżda minflok, permezz ta' email datata d-disgħa u għoxrin [29] ta' Settembru, 2020, huwa ġie mgħarraf mill-Ambaxxata ta' Malta f'Washington, l-Amerika li dan ma kienx ser ikun il-każ u li ismu fuq il-passaport kien ser jidher bħala "Justin Eric Felix Redpath-Dascola Millen" u dan stante li huwa kien ser jiġi rreġistrat bil-kunjom tat-twelid tiegħu, ossia "Millen" iżda bil-kunjom ġdid tiegħu "Redpath-Dascola" inkluż bħala middle name [irreferi għal-kopja awtentikata tal-email annessa bħala **Dok. U**].

9. Illi din l-istess email datata d-disgħa u għoxrin [29] ta' Settembru, 2020 u mibgħuta mill-Ambaxxata ta' Malta f'Washington, l-Amerika lir-rikorrent tirrikonoxxi li r-rikorrent bidel kunjomu b'mod uffiċjali iżda żżid tgħid li r-Registru Pubbliku ta' Malta ma jistax jibdel il-kunjom jekk mhux bil-mod ta' kawża bħal din preżenti.

10. Illi apparti dan, meta r-rikorrent ottjena kopja taċ-ċertifkat Malti tat-twelid tiegħu huwa nnota wkoll li ismu fuq l-istess kien ġie mniżżel bħala Justin Eric Millen bl-isem Felix ukoll nieqes.

11. Illi naturalment hija x-xewqa tar-rikorrent mhux biss li jkun u għal dejjem jibqa′ magħruf bħala **Justin Eric Felix Redpath-Dascola**, iżda li dan ikun rifless b'mod uffiċjali kull fejn tieħdu l-ħajja, inkluż Malta, kif inhuwa mistħoqq anke wara l-proċeduri li segwa l-Amerika sabiex biddel ismu uffiċjalment. Jingħad ukoll li jkun fl-interess kemm tiegħu kif ukoll ta' kull Stat li d-dokumenti uffiċjali tiegħu kollha, kemm dawk li diġa′ għandu fil-pussess tiegħu kif ukoll dawk li jista jkollu fil-futur, ikunu jirriflettu isem wieħed; l-isem li huwa magħruf bih u li huwa uffiċjalment tiegħu.

12. Illi huwa fl-interess tal-partijiet kollha li ma jkun hemm ebda diskrepanza bil-mod ta′ kif inhu magħruf ir-rikorrent kemm b′mod uffiċjali kif ukoll fil-ħajja ta′ kuljum anke in vista tal-fatt li mhux normali li raġel li ilu juża isem sa minn tal-inqas meta kellu tmien [8] snin u uffiċjalment ċertament sa' mill-1999 il-quddiem jinbidillu kunjomu.

13. Illi ma' dan ir-rikors ġuramentat qiegħda tiġi annessa traduzzjoni tal-premessi u t-talbiet fil-ligwa Ngliża stante li r-rikorrent, għalkemm jifhem u anke jaqra l-Malti, huwa aktar komdu jaqra l-ktieba bil-lingwa Ngliża.

Ghaldaqstant, jgħid l-intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara jekk hemm bżonn, illi r-rikorrent Justin Eric Felix Redpath-Dascola li twieled nhar l-erbatax [14] ta' Lulju tas-sena 1979 f'Washtenaw, Michigan huwa fil-fatt magħruf konsistentement bħala "Justin Eric Felix Redpath-Dascola";

2. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4685 tas-sena 2020 billi tordna illi isem il-wild jidher bħala Justin Eric Felix mentri kunjom il-wild Justin Eric Felix, iben Mary Kathryn Millen nee' Redpath u Richard Lee Millen ikun dak ta' 'Redpath-Dascola';

3. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4685 tas-sena 2020 billi tordna illi:

a) fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" jitniżżlu il-kliem:

i. "l-isem għandu jkun 'Justin Eric Felix' billi dan huwa l-isem li huwa magħruf bih".
ii. "il-kunjom għandu jkun 'Redpath-Dascola' billi dan huwa l-kunjom li huwa magħruf bih", u;

b) tagħti kull direttiva oħra li jidhrilha xierqa u opportuna;

4. Tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri u in partikolari isem u kunjom Justin Eric Felix Redpath-Dascola jiġu riflessi f'kull att ta' stat ċivili relattiv inkluż iżda mhux limitatament għall-passaport tal-istess Justin Eric Felix Redpath-Dascola u fejn ikun il-każ għal uliedu u d-dixxendenti tiegħu.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, ir-rikorrent għandu jġib prova tal-prokura li a bażi tagħha kienu istitwiti l-proċeduri odjerni. Fin-nuqqas ta' prova illi l-Avukat Dr. Jimmy John M. Vella ġie maħtur bħala mandatarju speċjali ta' Justin Eric Millen, l-esponent jeċċepixxi illi Dr. Jimmy John M. Vella m'għandux interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni u konsegwentement, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fiċ-ċirkostanzi tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala inammissibbli;

2. Illi preliminarjament ukoll, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-isem li attwalment jappartjeni lilu huwa Justin Eric Millen u mhux Justin Eric Felix Redpath-Dascola kif iddikjarat fl-okkju tal-kawża odjerna;

3. Illi in oltre, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

5. Illi bla ħsara għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi għalkemm il-pożizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li l-Qrati tagħna qegħdin ikunu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

6. Illi fir-rigward ta' *change of name deeds*, għalkemm dawn m'humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolineat illi l-Qrati tagħna ddeċidew illi sabiex *deed poll/change of name deed* ikun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

7. Illi fil-każ odjern, mill-att tat-twelid esteru ta' Justin Eric Millen, jirriżulta illi huwa twieled fl-Istati Uniti fl-14 ta' Lulju tal-1979 lil Richard Lee Millen u lil Mary Kathryn Millen. Dan l-att tat-twelid kien ipprovdut mir-rikorrent innifsu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u qed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dok. DRP 1'. Dan huwa l-att li a bażi tiegħu kien redatt l-att tat-twelid lokali tar-rikorrent, bin-numru progressiv 4685/2020, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 2'. Dawn id-dokumenti juru illi l-att tat-twelid lokali ta' Justin Eric Millen jirriproduċi ad verbatim id-dettalji li jinsabu fuq l-att tat-twelid maħruġ fl-Istati Uniti, ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk huwa pależ illi ma sar ebda żball da parti tad-Direttur intimat;

---

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

8. Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent *nomine* spjega illi fit-2 ta' Settembru tal-1999, Justin Eric Millen ottjena permess mill-Qorti kompetenti fl-istat ta' Michigan u bidel ismu formalment għal Justin Eric Felix Redpath-Dascola. Huwa ppreżenta wkoll bosta dokumentazzjoni li turi li effettivament, Justin Eric Felix Redpath-Dascola huwa l-isem illi huwa komunement magħruf bih. Fid-dawl ta' dan, u bla ħsara għall-premess, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, fejn qed jintalab illi l-bidliet li jistgħu ikunu ordnati minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' dawn il-proċeduri jiġu riflessi f'kull att tal-istat ċivili relattiv, inkluż fil-passaport u fl-atti tal-ulied u d-dixxendenti tiegħu, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom**. Illi għalhekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest mir-rikorrent, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv. Fir-rigward tal-passaport, l-esponent jissottometti illi huwa m'għandux il-kompetenza u l-awtorità meħtieġa sabiex joħroġ il-passaporti, li ma jikkwalifikawx bħala atti tal-istat ċivili;

10. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 205 tal-process;

Rat illi l-eccezzjonijiet preliminar tad-Direttur tar-Registru Pubbliku gew sorvolati permezz tat-talbiet ghall-korrezzjoni li saru fil-verbal tat-8 ta' Frar 2022 fejn il-Qorti awtorizzat il-korrezzjonijiet mitluba;

Fil-mertu l-Qorti rat il-bosta dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent illi tevidenzja minghajr ebda dubju illi llum il-gurnata r-rikorrent huwa maghruf u rikonoxxut anki fl-istat ta' Michigan bl-isem ta' Justin Eric Felix Redpath-Dascola u mhux l-isem illi huwa rikonoxxut bih f'Malta.

Illi in vista ta' dawn il-provi dokumentajri pjuttost voluminuzi fl-atti l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrent Justin Eric Felix Redpath-Dascola li twieled nhar l-erbatax [14] ta' Lulju tas-sena 1979 f'Washtenaw, Michigan huwa fil-fatt magħruf konsistentement bħala "Justin Eric Felix Redpath-Dascola";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4685 tas-sena 2020 billi tordna illi isem il-wild jidher bħala Justin Eric Felix mentri kunjom il-wild Justin Eric Felix, iben Mary Kathryn Millen nee' Redpath u Richard Lee Millen ikun dak ta' 'Redpath-Dascola';

3. Tordna illi tali fatt jiġi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tiegħu numru 4685 tas-sena 2020 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Annotazzjonijiet" jitniżżlu il-kliem "l-isem għandu jkun 'Justin Eric Felix' billi dan huwa l-isem li huwa magħruf bih", u "il-kunjom għandu jkun 'Redpath-Dascola' billi dan huwa l-kunjom li huwa magħruf bih";

4. Tilqa' r-raba' talba limitatament u tordna illi kull bidla ordnata bis-saħħa ta' dawn il-proċeduri u in partikolari isem u kunjom Justin Eric Felix Redpath-Dascola jiġu riflessi f'kull att ta' stat ċivili relattiv fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan illi qed tichad it-talba fir-rigward għall-passaport u wkoll fil-każ għal uliedu u d-dixxendenti tiegħu stante illi, ghalkemm dawn ghandhom jirrizultaw b'mod awtomatiku f'korrezzjoni, ma jaqghux fil-limiti tal-kompetenza u tat-talba pendenti quddiem din il-Qorti.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Mejju 2022**